# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 899/98 SM**

**Elmo Insurance Services Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance and London Insurace p.l.c., surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Reno Camilleri u l-istess Reno Camilleri.**

**vs**

**Edward Said.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2000, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi :-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta'April ta' l-1998 li permezz tieghu l-konvenut gie msejjah quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
> 1. Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' seba' mija hamsa u hamsin Lira Maltin tmienja tletin centezmu (LM755.38,0), lis-

socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited nomine, u in kwantu ghal mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0) lill-attur Reno Camilleri in linea ta' danni kkagunati mill-konvenut in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara s-Siggiewi fit-23 ta' Lulju ta' l-1997 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru DAP-013 habat mal-vettura numru REN-075 proprjeta' ta' Reno Camilleri u misjuqa minnu, prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tad-9 ta' Frar ta' l-1998, u dawk ta' l-ittra ufficcjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-9 ta' Frar ta' l-1998, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa bir-rispett is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari jeccepixxi n-nullita' tan-notifika bl-affisjoni billi din saret f'indirizz li mhux tieghu;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju hu mhux responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront ta' l-atturi stante li l-kollizzjoni grat tort unikament tal-konducent l-iehor li mar jaqbez vicin "road junction" kontra r-regolamenti tat-traffiku u waqt li l-eccipjent kien qed jghamel "right turn" li kien ilu li issenjala permezz tal-"indicator", li ovvjament il-konducent l-iehor ma rax jew injora ghal kollox;

3. Illi subordinatament f'kaz li l-qorti tirritjeni li z-zewg "drivers" huma in parti responsabbli ghall-incident de quo, ghandha ssehh il-kompensazzjoni gudizzjali bejn id-danni subiti mill-eccipjent u dawk riklamati mill-attur;

4. B'rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-eccipjent kontra l-konducent l-iehor responsabbli ghall-incident;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-kollizjoni in dizamina sehhet fit-23 ta' Lulju ta' l-1997 ghall-habta tas-1.45 p.m. fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, kantuniera ma Triq Nicolo' Sawra, is-Siggiewi, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni REN-075 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAP-013 misjuqa mill-konvenut;

2. Illi irrizulta li l-konvenut kien qieghed jipprocedi fid-direzzjoni ta' Triq Sawra b'velocita' moderata, u waqt li kien qieghed idur lejn il-lemin tieghu biex jaccedi fl-imsemmija triq bl-'indicator" tieghu mixghul, gie l-attur minn warajh, fil-karreggjata li mhux suppost kien qieghed isuq fiha, u tah daqqa kbira;

3. Illi l-pulizija li gie msejjah fuq il-post ta' l-incident ikkonstata s-segwenti:

a. Illi l-vettura REN-075 kienet fuq il-karreggjata hazina tat-triq;

b. Illi warajha din l-istess vettura, (REN-075), kellha "brake marks" ta' 26.20 metri tul;

c. Illi l-incident sehh fil-vicinanzi ta' "road junction";

d. Illi l-attur kien gej minn direzzjoni wara l-konvenut;

Ikkonsidrat:

Illi l-attur isostni li spicca jsuq fuq in-naha l-hazina tat-triq ghaliex ried jissorpassa karozza ohra li kienet miexja fl-istess direzzjoni tieghu fil- "lane" ta' gewwa kwazi mal-bankina;

Illi l-incident gara skond l-attur ghaliex din il-vettura kisret f'daqqa ghal fuqu;

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jinghad li gew assodati diversi fatturi b'mod oggettiv li jitfghu dawl fuq l-akkadut, senjatament:

1. Il-velocita' eccessiva ta' l-attur;

2. Il-posizzjoni zbaljata li fiha jirrizulta li kien qieghed isuq l-attur;

3. Il-fatt li l-attur kellu vizwali kompleta ta' l-akkadut;

Ikkonsidrat:

Illi meta konducent isuq bil-velocita' li beda jsuq l-attur u fil-karreggata opposta ghal dik li suppost kien fiha l-istess attur allura r-responsabbilita' tar-rizultanzi taqa' kollha fuqu – molto piu' meta jirrizulta li l-konvenut kien miexi b'volocita' baxxa u jindika li kien bi hsiebu jidhol fic-centru tas-Siggiewi;

Illi l-velocita' ezagerata li biha kien miexi l-attur ma ippermettilux jiehu kontroll tas-sitwazzjoni, anzi bil-maqlub;

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

L-atturi, s-socjeta' assiguratrici ta' Reno Camilleri, u l-istess Reno Camilleri appellaw minn din is-sentenza. L-incident stradali in kwistjoni gara fit-Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, maghrufa wkoll bhala l-Bypass tas-Siggiewi, billi din isservi ghat-traffiku gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug u dirett lejn Ghar Lapsi jew il-Qrendi bla ma tghaddi mill-qalba tar-rahal tas-Siggiewi. Hija triq wiesgha, tiehu traffiku fiz-zewg direzzjonijiet u ma kienitx diviza b'linja medjana li tifred iz-zewg direzzjonijiet. L-appellant Reno Camilleri kien qed isuq ghad-dritt fid-direzzjoni ta' Ghar Lapsi waqt li l-konvenut kien ukoll qed isuq fl-istess triq. F'certu hin bidel id-direzzjoni tieghu. Beda jikser lejn il-lemin ghal got-triq Nicola Sawra, triq laterali li tisbokka ghal fuq Triq Monsinjur Azzopardi. L-incident sehh precizament fil-mument li l-appellant

Camilleri kien qed jaghmel is-sorpass tal-vettura tal-konvenut u din kienet waslet biex iddur lejn il-lemin sabiex tidhol fit-triq laterali.

L-appellanti qed isostnu illi l-konvenut kellu jigi akkollat bl-akbar htija ghall-incident ghaliex skond huma hu kien iddecieda illi jdur lejn il-lemin biex jidhol fit-triq laterali minghajr ma ha prewkazzjonijiet li kien tenut li jienu skond ir-regolamenti.  Bhala konsegwenza huwa ostakola l-passagg tal-vettura ta' Reno Camilleri gejja minn warajh u li kienet qieghda taghmel manuvra ta' sorpass anke jekk ex admisses fuq in-naha hazina tat-triq.  Quddiem din il-Qorti l-appellanti atturi jirtiraw fuq it-talba originali taghhom illi l-konvenut kellu jigi ritenut unikament responsabbli ghas-sinistru u, wara li ghamel referenza ghall-iskorta ta' sentenzi li jitrattaw mertu simili, qed jissottomettu illi "fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami, r-responsabbilita' ghandha tkun ripartita fuq l-istess kriterji adottati fiz-zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell" u cioe' fil-kawzi Zahra vs Cassar u Dobler vs Caruana decizi fil-5 ta' Ottubru 1998.  L-appellanti allura b'lejalta' enkomjabili jistiednu lil din il-Qorti biex issegwi dik il-gurisprudenza.

Din il-Qorti ezaminatha u ezaminat ukoll il-fatti specie partikolari tal-kaz taht ezami.  Dan ghaliex, kif hu risaput, il-fatti kif provati kienu jvarjaw sewwa minn kawza ghal ohra u dan japplika forsi aktar f'kawzi ta' incidenti stradali fejn il-komportament tad-drivers jippresta ruhu ghal varjazzjonijiet infiniti li jincidu b'mod differenti fuq ir-responsabbilita'

taghhom. Dan ifisser illi filwaqt li r-regolamenti li jiggvernaw is-sewqan f'determinati c-cirkostanzi jibqghu l-istess u l-principji applikabbli kienu identici ghall-kazijiet kollha tal-istess xorta, dan ma jfissirx illi l-konkluzjoni dwar ir-responsabbilita' tkun dejjem necessarjament identika. Kull kaz kellu jitqies fuq il-merti tieghu ghaliex il-Qorti kellha dejjem tikkonduci l-ezami taghha biex tistabbilixxi x'kienet il-kawza prossima u mmedjata tas-sinistru partikolari u min mid-drivers involuti kien ipprovokah jew ikkontribwixxa ghalih.

L-appellanti ttantaw fir-rikors tal-appell taghhom jimminimizzaw ir-responsabbilita' tal-attur Reno Camilleri. Ezami akkurat tal-provi pero' wassal lil din il-Qorti biex jikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti illi kien is-sewqan inkonsult tieghu illi kien il-kawza prossima u mmejdata tas-sinistru. Dan sal-punt li l-incident ma kienx isehh li kieku l-istess Reno Camilleri osserva r-regolamenti tat-traffiku li kienu jimponu fuqu diligenza u prudenza ferm akbar meta gie biex effettwa l-manuvra ta' sorpass li fil-fatt ittanta jaghmel. Apparti illi dan l-attur appellant naqas li josserva r-regolament bazilari in materja ta' sorpass, dik cioe' illi ma kellux jipprova jissorpassa qabel ma jkun cert illi seta' jibda, jkompli u jtemm dik il-manuvra fiha nfisha perikoluza b'success u bla riskju ghalih u ghall-vetturi ohra, jidher illi l-istess attur kien imprudenti almenu fuq dawn is-segwenti kapi :-

1. Ittanta jaghmel manuvra ta' sorpass f'punt fit-triq vicin road junction. Dana meta r-regolamenti tat-traffiku gustament kienu jimponu divjett espress f'dan ir-rigward. L-appellant Camilleri allura kellu jkun konxju tal-possibbilita' illi karozza misjuqa quddiemu setghet ikollha l-intenzjoni illi tikser lejn il-lemin taghha biex tidhol f'dik it-triq laterali kif effettivament ghamel il-konvenut.

2. Jekk wiehed jemmen, kif emmnet l-ewwel Qorti, illi l-konvenut ta avviz tempestiv permezz tal-indicator tal-intenzjoni tieghu illi jdur lejn il-lemin, in-nuqqas tal-attur Camilleri li kien qieghed isuq warajh ghal distanza ragwardevoli b'vizwali libera quddiemu jsir ferm aktar markat.

3. L-istess Camilleri jinsisti illi Edward Said, isuq quddiemu, kien qieghed fuq in-naha tax-xellug estrema tat-triq razenti l-bankina. Din l-allegazzjoni ta' fatt kontestata mill-istess konvenut hi fil-fatt argument kontra tieghu u mhux favur. Dana ghaliex jekk verament hekk kien ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex l-attur Camilleri kellu jissorpassa lill-konvenut Said ghal kollox fuq in-naha l-hazina tat-triq. Il-fatt li hekk ittanta jaghmel, kif juri wkoll b'mod manifest l-brake marks twal, dritti xemgha li halla warajh u l-posizzjoni taghhom ma setghax ma jittiehidx mill-Qorti bhala indikazzjoni ta' prova li tikkorobora t-tezi tal-konvenut li huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tieghu u lejn in-nofs tat-triq meta gie biex jaghmel il-manuvra biex idur fit-triq laterali.

4. Jekk imbaghad jigi accettat dak li skond l-atturi kellu jirrizulta mill-provi u cioe' li l-konvenut kien qed isuq fuq ix-xellug estrem tat-triq filwaqt illi li l-attur Camilleri ghamel is-sorpass fuq in-naha l-hazina tat-triq, dan kien ifisser illi l-istess Camilleri kien necessarjament hareg ghal kollox 'il barra mill-vizwali tal-mirja tal-konvenut u poggieh fl-impossibbilita' illi japprezza fil-presenza ta' Camilleri warajh u tal-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel.

5. L-istess Camilleri mbaghad jaccetta li kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Il-brake marks ta' 26.20 metri, li maghhom kellhom jizdied it-thinking distance u di piu' konsidrat bl-entita' konsiderevoli ta' danni provokata mill-impatt qawwi bejn iz-zewg vetturi, jindikaw illi l-attur Camilleri pogga wkoll lilu nnifsu fl-impossibbilita' illi tempestivament jirreagixxi ghal dak li kien qieghed jigri fit-triq quddiemu u ghal kull manuvra li seta' jaghmel it-traffiku quddiemu.

6. Cirkostanza ohra relevanti illi tkompli tghabbi lill-attur Reno Camilleri b'responsabbilita' shiha tal-incident hu dak li jigi provat mill-posizzjoni tad-daqqiet fuq il-vetturi. Il-fatt illi d-daqqa mill-vettura tal-konvenut kienet tinvesti l-parti ta' wara taghha ma jistax ma jfissirx hlief illi l-vettura kienet ghadha f'posizzjoni dritta, parallela mal-linja mejdana mmaginarja tat-triq. Dan ifisser illi fil-mument tal-impatt il-konvenut kien ghadu ma bediex idur lejn il-lemin tieghu. Skond l-okkorrenza l-vettura tal-konvenut "garrbet hsarat kbar fuq il-but, fanal, indicator, mudguard u

roti ta' wara tan-naha tal-lemin". Zgur li din il-hsara kienet tismentixxi l-verzjoni tal-atturi kif sehh l-incident u cioe' illi l-konvenut meta gie biex idur lejn il-lemin tieghu biex jidhol fit-triq laterali beda jaghmel din il-manuvra meta kien f'posizzjoni fix-xellug estrem tat-triq, razenti l-bankina fuq dik in-naha. Kieku dan kien il-kaz il-hsara fil-karozza tal-konvenut kienet necessarjament tkun fuq il-gemb tal-lemin tieghu.

7. Ta' min jinnota wkoll illi bid-daqqa fuq wara, l-karozza tal-konvenut mhux biss intefghet 'il quddiem distanza konsiderevoli imma wkoll giet imdawwra thares lejn in-naha l-ohra tat-triq, fid-direzzjoni opposta thares lejn Haz-Zebbug.

Din il-koncentrazzjoni ta' fatturi ma jistghux ma jwaslux lill-Qorti ghall-konvinciment illi kien is-sewqan inkonsult u bla kont tal-attur illi ipprovoka s-sinistru. Il-fatti f'din il-kawza kienu differenti minn dawk li kkonsidrat il-Qorti tal-Appell fiz-zewg sentenzi aktar 'il fuq citati li fihom dik il-Qorti setghet tiddentifika r-responsabbilita' ta' min bhall-konvenut kien ser idur lejn il-lemin tieghu billi dan ma kienx osserva dawk in-normi li skond ir-regolamenti kien tenut josserva fi kwadru fejn il-manuvra ta' sorpass kienet entro dak li r-regolamenti kienu jippermettu.

Fil-kaz that ezami, din il-Qorti hi bhall-ewwel Qorti sodisfatta illi setghet tikkonkludi mill-provi – anke dawk negattivi li johorgu mill-mod konfuz kif deskritt l-incident mill-attur Camilleri u xhieda ohra minnu prodotti – li l-

konvenut kien qieghed isuq lejn in-nofs tat-triq fejn kien ha postu bil-hsieb illi jaghmel il-manuvra ha jikser lejn it-triq laterali. Kien qieghed jixghel l-indicator biex jaghti pre-avviz lit-traffiku ta' warajh ta' dan il-hsieb tieghu. Kien ghadu ma bediex il-manuvra biex jidhol fit-triq laterali, li del resto hi wahda ta' certa importanza, meta sema' l-brake twil tal-attur Camilleri u qala' d-daqqa. Din il-Qorti allura bhall-ewwel Qorti ma hijiex sodisfatta li kien hemm kontributorjeta' da parti tal-konvenut ghall-incident.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

Dep/Reg mg